# Għadek Tiftakarhom Dawn?



**Oreste Mifsud** B.A. (Gen.), Dip. Educ. (Adm. & Mgt.), Dip. L.I.S.

Hafna minnkom li bdejtu taqraw dan l-artiklu tiegħi forsi moħħkom diġà ġera bikom u bdejtu taħsbu mill-ewwel fiex se nfakkarkom. Iżda, jien konvint li mhux il-qarrejja kollha se jirnexxielhom jaqtgħu t-tifkiriet li fuqhom se nibni l-ħsieb tiegħi.

Issa ilni nieqes mill-Qrendi aktar minn tletin sena, iżda t-tifkiriet ta' tfuliti ma jmorru qatt mill-memorja tiegħi. Ta' kull darba li niftakar fihom, tfiġġ nostalġija kbira li mhux qajl teħles minnha. Issa, ħalli ngħaddu mill-ewwel għas-suġġett ta' dan l-artiklu.

Il-kelma *matla* forsi ma tfisser xejn għal bosta Qrendin tal-lum għax biex inkun sinċier magħkom, ma nafx jekk għadx fadal xi waħda fir-raħal. Il-matla kienet speċi ta' tliet jew erba' tarġiet tal-ġebel mibnijin mal-ħajt tad-dar fit-triq fejn sid id-dar kien ikollu xi żiemel gwapp. Irrid ngħid kienet għamla ta' skalapiża tal-ġebel. B'kumbinazzjoni kien hemm waħda qrib fejn konna noqogħdu fi Triq il-Kbira. Min jaf kemm-il darba tlajt fuq din il-matla u qbiżt dawn l-erba' tarġiet li servew għal bosta snin lis-sinjuri li kienu joqogħdu f'dawk id-djar kbar. Aktar tard, il-matla serviet ukoll għal bosta bejjiegħa li kienu jiġu l-Qrendi jbiegħu l-prodotti tagħhom. Niftakar lil tal-pitlorju li kien jiġi l-Qrendi biż-żiemel mill-Imqabba, u wara li jkun qeda lill-klijenti, jitla fuq il-matla biex jirkeb fuq il-karettun. Bosta drabi ma' ġenb kull matla kien ikun hemm il-*marbat*, speċi ta' ħolqa tal-ġebel fil-ħajt fejn sid iż-żiemel kien jorbot il-bhima sakemm jaqdi l-ħtiġijiet tiegħu. Din l-imbierka *matla* kienet isservi wkoll biex aħna t-tfal konna ninġabru fuqha u noqogħdu npaċpċu jew nilagħbu. Kienet tkun kbira biżżejjed biex taqdi lil kull min kien ikollu bżonnha. Meta żdiedu l-karozzi, il-*matla* bdiet titlef postha u bosta drabi tneħħiet għax kienet qed tkun ta' periklu wkoll.

## Il-Ħuġġieġa ta' San Ġwann

Għadni niftakar tassew tajjeb dik il-lejla meta bosta żgħażagħ minn madwar il-Qrendi kollu kienu jinġabru fil-pjazza tar-raħal u minn hemm erħilhom iduru f'kull triq, f'kull sqaq, iħabbtu l-bibien tan-nies u jittalbu xi biċċa għamara qadima jew imsewsa. Niftakarhom jittalbu xi sigarru mkisser, xi sodda ta' l-injam jew xi gwardarobba. Kull ħaġa li kienu jakkwistaw, kienu jorbtuha ħaġa ma' l-oħra u jiġbduhom tul it-toroq tar-raħal.

Meta kienu jaslu ħdejn l-Għassa tal-Pulizija, fejn konna noqogħdu, niftakar kienu jkunu bosta ż-żgħażagħ li b'ħilithom kien ikollhom jiġbdu dak l-imbarazz kollu. Quddiem għajnejja għadni niftakar tajjeb qisu l-bieraħ, kien ikollhom daqs kemm jesgħu xi sitt trakkijiet tal-ġebel, kollha njam tajjeb biss għall-ħruq. Il-punt finali kien ikun Bieb ix-Xagħra. F'nofs dik il-pjazza kien ikun hemm għors shiħ. Iż-żgħażagħ kienu jpoġġu l-injam miġbur f'għamla ta' piramida, ixerrdu l-pitrolju f'diversi postijiet, u bosta żgħażagħ bis-sulfarini f'idejhom kienu jagħtu n-nar lil dik il-ħuġġieġa ta' San Ġwann. Hekk kienet magħrufa dik l-attività.

Bin-nar jaqbad u jħeġġeġ, u bid-duħħan ħiereġ qisu sploda vulkan, iż-żgħażagħ flimkien man-nies tar-raħal li kienu jkunu preżenti fil-pjazza, erħilhom jaqbżu u jduru mal-ħuġġieġa sakemm din ittemm dak l-injam kollu li jkun inġabar. Attività li kienet mifruxa tul dik il-lejla kollha ta' lejlet il-festa ta' San Ġwann Battista. Ftit tniġġiż ta' l-arja bid-duħħan għal darba ma kienx jimporta dak iż-żmien għax dħaħen oħra ma kienx ikollna ħlief forsi tal-furnar fil-pjazza tar-raħal. Karozzi ftit li xejn, magni li jdaħħnu ferm inqas u allura ma kienx jimporta li ndaħħnu r-raħal għal darba fis-sena. Kien mezz ta' żvog taż-żgħażagħ.

## Il-Viti ta' l-Ilma fit-Toroq

Illum il-ġurnata ħadd ma jgħaddilu minn rasu li biex isib l-ilma id-dar, kien ikun irid jimla xi bramel mill-għejjun pubbliċi. Imma fi żmien meta l-vit kien għadu nieqes minn ċert djar, bilfors bosta familji kellhom ifittxu xi vit fit-triq biex jimlew l-ilma fil-bramel u jġorruh lejn id-dar. Niftakar tajjeb li kien hemm vit ħdejn il-knisja parrokkjali, ieħor ħdejn il-knisja tas-Salvatur u ieħor Bieb ix-Xagħra. Il-vit kien ikun maqtugħ 'il fuq mill-art biex taħtu jidħol barmil, u ma' l-art kien ikun hemm speċi ta' vaska kbira biex l-ilma li jaqa' fl-art ma jitferrixx kullimkien, iżda kien jibqa' lokalizzat madwar l-għajn. Bil-ħaqq, aħna ma konniex

insejħulu vit, iżda dejjem konna nużaw il-kelma għajn, naturalment għajn ta' l-ilma.

Kien ikun ilma ċar u tajjeb ġej dirett mill-ġibjun għax dakinhar u la konna nagħmlu *bore-holes*, la *reverse-osmosis* u xejn minn dan. Ma kienx hemm għalfejn għax l-ilma li kellna kien iservi għal kulħadd. Ta' min jgħid li dakinhar, l-ilma ma kienx jintuża bl-istess ammonti kbar li jintuża llum. L-aktar użu tiegħu kien ikun għax-xorb u għat-tisjir. L-idea li llum ngħidu "ħadt *shower*" kienet għadha ma daħlitx u l-bniedem ma kienx jinħasel spiss kif huwa mdorri llum. *Washing machines* kienu għadhom ftit 'il bogħod u l-użu ta' l-ilma kien meqjus. Avolja niftakar li mal-ħitan ta' l-iskola primarja li kienet għadha wara l-knisja tas-Salvatur, kien hemm karti mwaħħlin li jgħidu: *Taħlix Ilma*. Din it-twissija għadha tgħodd sal-lum u tibqa' għal li ġej.

Għal-lum se nieqaf hawn. Iżda l-imgħoddi joffri bosta tifkiriet li jekk ma jitniżżlux fil-kitba, li hija l-aqwa wirt tal-poplu, jintesew għal dejjem.

Nawgura l-festa t-tajba lil kulħadd.

Studio B
HEALTH & BEAUTY

112, St. Paul's Street, Żurrieq ZRQ 06
Tel: 2168 2421, 2168 2429 • Mob: 9945 8644

*I.T.E.C. Beauty Therapist & Masseur*

***Treatments offered:***
✔ Non-Surgical Lifting
✔ Facials
✔ Aromatherapy
✔ Manicure & Pedicure
✔ Electro-epilation
✔ Waxing
✔ Body Treatments
✔ Body Massage
✔ Eyelash Tint
✔ Slimming Treatments
✔ Cellulite Wraps
✔ Nail Extensions
✔ Make-up
FREE ADVICE




HOME plus

Better Value for Better Living

Alfredo Cachia Zammit Str.,
Żejtun
Tel: 2182 3052

*(Open Monday to Friday all day, Saturday from 9.00am - 1.00pm)*